# META HABBEJT LIL GHADU TIEGHI

Fil-jum tal-Milied gwardja fil-habs ta' Hua Lo urieni il-qawwa tal-fidi.

miktuba minn John McCain (maqluba ghall-Malti.)

Is-Senatur John McCain serva bhala pilota matul il-gwerra fil-Vjetman. F'Ottubru tal-1967, l-ajruplan tieghu safa mwaqqa' mill-forzi Vietnamiti ta' Fuq u McCain gie maqbud. Huwa ghadda hames snin u nofs prugunier tal-gwerra fil-habs ta' Hua Lo fejn kwazi kull jum kien jigi mahqur u kultant suggett ghat-tbatija minn gwardja sadista.

Madanakollu timpressjonah hafna laqgha li kellu ma' certu gwardja ta' qalb tajba f'jum il-Milied. Hekk jirrakonta fil-ktieb tieghu, "Character is Destiny".

Kien hemm okazzjoni ohra meta kont maqful il-habs fejn fiha rajt li Alla baqa' u ma abbandunanix. Jiena kont mizmum fic-cella ta' l- izolament ghaliex qabduni nikkomunika ma' habibi fic-cella ta' hdejja. U din ma kienitx l-ewwel darba.

Minhabba dan il-ksur ta' regolament kont mizmun f'din ic-cella bhala kastig marbut u ssikkat bil-hbula.....

Hekk kif jiena kont bilqieghda fuq il-banketta nishet xortija u nipprova ndur ‘l hawn u ‘l hinn, il-bieb infetah f'daqqa wahda u suldat zaghzugh li jiena kont ilmaht xi drabi jitlajja mal-kamp dahal fil-kamra. Ghamilli sinjali biex nibqa' sieket billi pogga sebghu quddiem xuftejh u imbaghad minghajr anqas ma tbissem jew ihares f'ghajnejja, resaq lejja biex jholl ftit l-hbula li bihom kont marbut issikat. Telaq minghajr ma lissen kelma wahda biss. Hekk kif dehru l-ewwel raggi tad-dawl huwa rega' dahal fic-cella biex jissikali l-hbula qabel ma jispicca r-ronda tieghu u l-gwardja ta' warajh jinduna x'ghamel. Fix-xhur li ghaddew minn fuqi, kont nilmah lil dan is-Samaritan it-Tajjeb meta kont inkun trasferit minn naha wahda tal-habs ghan-naha l-ohra. Qatt ma hares lejja u anqas qatt qalli kelma, sakemm fil-jum tal-Milied filghodu, meta jiena kont moghti permess biex nohrog wahdi ghal xi hin barra ngawdi ftit ta' l-arja u s-sema car, resaq vicin tieghi u b'saqajh ghamel is-sinjal tas-salib fit-trab. Ftit wara, illixxa kollox bil-ponta taz-zarbun u hallieni minghajr ma qalli kelma wahda.

Ghal dak il-mument qasir insejt il-mibgheda kollha li kelli ghal ghedewwa tieghi u l-mibgheda li huma kellhom ghalija. Warrabt fil-gemb kull mohqrija ta' l-interrogaturi tieghi li biha kienu jippersegwitaw lil shabi u lili. Dak il-hin ma ftakartx izjed fil-gwerra u dak kollu li ggib maghha. Dak il-mument jiena kont qed inqis lili niffsi nisrani naghti qima lis-salib ma' nisrani iehor fil-jum tal-Milied.

Kultant kont narah imma qatt ma hares lejja jew ittanta jkellimni. Qatt ma tajna qima lil Alla flimkien hlief dak in-nhar. Qatt ma nsejt il-moghdrija u t-tjubija tieghu lejja, xiehda tal-fidi li t-tnejn konna naqsmu u nipprofessaw. Dik l-esperjenza ghallmitni napprezza l-fidi tieghi religjuza u kienet il-fidi ta' l-ghadu tieghi li fethitli ghajnejja ghal dan il-fatt, fidi li tghaqqad u qatt ma tifred, fidi li tqarreb u ssewwi il-qasmiet fl-umanita', fidi li turi ahna min ahna, sew jekk qaddisin sew jekk midimba, ahna lkoll ulied Alla. Imbdilt fi bniedem iehor, bniedem aktar b'sahhtu, bniedem ta' fidi aktar kbira li ghal inqas, ghall-mument wiehed seta' jhobb lil ghadu tieghu.